Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Diċembru 2024**
**(OR. en)**

**16366/24**

**SOC 888**
**GENDER 255**
**SAN 681**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 15976/24 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fit-2 ta' Diċembru 2024.[1]

---

[1] Fit-test ġew introdotti korrezzjonijiet editorjali żgħar.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**
**it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:**

1. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li "l-Azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw il-fonti ta' periklu għas-saħħa umana".

2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li "Fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa".

3. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imnaqqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tiddikjara li "kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha".

5. Fil-Konklużjonijiet reċenti tiegħu dwar is-Saħħa Mentali, il-Kunsill jirrikonoxxi li "l-problemi tas-saħħa mentali huma assoċjati ma' bosta forom ta' inugwaljanzi, bħal, pereżempju, persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, minoranzi, gruppi emarġinati u dawk f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati inkluż dawk li jgħixu f'servizzi ta' kura fit-tul, dawk li jesperjenzaw solitudni u iżolament soċjali, it-tfal u ż-żgħażagħ, l-anzjani, in-nisa, il-persuni LGBTI[2], il-pazjenti bil-kanċer, il-persuni b'diżabilità, ir-refuġjati, il-migranti, il-priġunieri u l-persuni mingħajr dar." Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura huma essenzjali għall-indirizzar tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa mentali[3].

6. Kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali, "is-saħħa mentali hija parti integrali mis-saħħa. Hija stat ta' benesseri li fih individwi jirrealizzaw il-ħiliet tagħhom stess u jkunu jistgħu jlaħħqu mal-istress tal-ħajja u jikkontribwixxu għall-ħajja komunitarja. Is-saħħa mentali hija prekondizzjoni għal ekonomija produttiva u għal soċjetà inklużiva u tmur lil hinn minn kwistjonijiet individwali jew tal-familja". Il-Komunikazzjoni tinnota li huwa kważi darbtejn aktar probabbli li n-nisa jesperjenzaw depressjoni milli l-irġiel. Tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi indirizzat l-aċċess inugwali għall-impjieg u l-kondiviżjoni inugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura domestika u tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel. Tissottolinja li "l-fatturi determinanti tas-saħħa mentali jinteraġixxu mal-inugwaljanzi eżistenti fis-soċjetà, u jpoġġu lil xi persuni f'riskju ta' deterjorament tas-saħħa mentali ogħla minn oħrajn". Għalhekk, "meta d-diskriminazzjoni msejsa fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, il-vjolenza u l-mibegħda jaġixxu bħala kawża għad-deterjorament tas-saħħa mentali, il-promozzjoni tal-ugwaljanza fis-soċjetajiet tagħna hija għodda importanti għall-prevenzjoni".

[2] Ara l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final)

[3] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali, 15971/23, il-paragrafu 24.

7. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tenfasizza li "l-pajjiżi għandhom jittrattaw ukoll l-isfidi relatati mal-prevenzjoni tal-problemi tas-saħħa mentali tal-komunitajiet vulnerabbli, isaħħu r-rikonoxximent bikri tal-problemi tas-saħħa mentali, u jipprovdu interventi u appoġġ bikrija, u jindirizzaw ir-rabtiet bejn l-esklużjoni, l-inugwaljanzi u s-saħħa mentali billi jżidu l-isforzi biex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza".

8. Kif speċifikat mill-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2020-2025, huwa essenzjali li jiġi segwit "approċċ doppju ta' miżuri mmirati biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, flimkien ma' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri msaħħa". L-Istrateġija tiddikjara wkoll li "l-Kummissjoni ser issaħħaħ l-integrazzjoni bejn is-sessi billi b'mod sistematiku tinkludi perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-istadji kollha tat-tfassil ta' politika fl-oqsma interni u esterni kollha ta' politika tal-UE."

**FILWAQT LI JINNOTA LI:**

9. "L-inugwaljanzi relatati mal-ġeneru, mal-etniċità, mal-post ġeografiku, inklużi mad-distakk urban-rurali, mal-edukazzjoni, mal-età u mal-orjentazzjoni sesswali, mal-identità tal-ġeneru"[4], kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, "għandhom impatt importanti fuq is-saħħa mentali tal-popolazzjoni,"[5] b'mod partikolari n-nisa u l-bniet. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tissottolinja wkoll li l-individwi jistgħu simultanjament jappartjenu għal grupp wieħed jew aktar f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, li juri l-ħtieġa li jiġu miġġielda forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni. Dawn jista' jkollhom impatt kbir fuq in-nisa u l-bniet li l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni tagħhom jistgħu jinvolvu diversi fatturi intersezzjonali, bħar-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid u d-diżabilità, kif ukoll il-fatturi msemmija qabel, li flimkien jistgħu jiddeterminaw l-opportunitajiet u l-isfidi partikolari tagħhom.

---

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final, paġna 19.

5 *Ibid.*

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:**

10. L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 3 tan-NU dwar l-aċċess nondiskriminatorju għal servizzi tal-kura tas-saħħa essenzjali ta' kwalità jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata ħajja b'saħħitha u li jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età, inkluż is-saħħa mentali.[6] Sadanittant, l-SDG 5 jiffoka fuq il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha.

11. Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tidentifika "In-Nisa u s-Saħħa" bħala wieħed mit-tnax-il qasam kritiku ta' tħassib u tiddikjara li n-nisa għandhom id-dritt għat-tgawdija tal-ogħla standard li jista' jinkiseb, kemm tas-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali. Tiddikjara wkoll li n-nisa huma affettwati minn ħafna mill-istess kundizzjonijiet tas-saħħa bħall-irġiel, iżda jesperjenzawhom b'mod differenti.

12. Abbażi tal-Qafas Ewropew tad-WHO għal azzjoni dwar is-saħħa mentali għall-2021-2025, is-saħħa mentali u l-benesseri huma fil-periklu minħabba firxa wiesgħa ta' fatturi li jkopru l-livelli individwali, soċjali u ambjentali, u li jinvolvu l-faqar u l-privazzjoni; id-dejn u l-qgħad; u l-vjolenza u l-konflitt. Barra minn hekk, in-nisa b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u diżabilitajiet psikosoċjali, intellettwali, konjittivi u ta' żvilupp newroloġiku huma fost dawk fl-ogħla riskju ta' esklużjoni soċjali.

13. Kif muri mid-data reċenti tal-Eurofound, fost il-ħaddiema, in-nisa huma aktar esposti għall-vjolenza u l-fastidju, inkluż il-fastidju psikoloġiku u dak sesswali, fuq il-post tax-xogħol u jirrapportaw livell baxx ta' benesseri u tbatija finanzjarja aktar ta' spiss mill-irġiel. Dan huwa relatat mal-fatt li n-nisa huma rrappreżentati żżejjed f'impjiegi b'paga baxxa b'kundizzjonijiet tax-xogħol psikosoċjali diffiċli.[7]

---

6 Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti: Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3.

7 Eurofound (2023), Psychosocial risks to workers' welfare: Lessons from the COVID-19 pandemic, European Working Conditions Telephone Survey 2021 series, p 36-38; Eurofound (2022), Working conditions in the time of COVID-19: Implications for the future, European Working Conditions Telephone Survey 2021 series, p 104; ESDE Review 2023, kapitolu 2.

14. L-isfidi tas-saħħa mentali jaffettwaw lill-individwi kollha; l-irġiel huma affettwati b'mod sinifikanti, u huwa aktar probabbli li jmutu b'suwiċidju. Kważi 8 minn kull 10 suwiċidju (77 %) huma fost l-irġiel. Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' *attentat* ta' suwiċidju hija ogħla fost in-nisa, u l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali li spiss huma fil-bażi tal-ħsibijiet u l-imġiba suwiċidali (b'mod partikolari d-depressjoni u l-ansjetà) huma aktar prevalenti fost in-nisa.[8] In-nisa jiffaċċjaw ukoll sfidi u tħassib partikolari dwar is-saħħa mentali, inkluż kundizzjonijiet, mard jew disturbi li huma speċifiċi għan-nisa, bħad-depressjoni ta' wara t-twelid; jew li jidhru aktar ta' spiss fin-nisa; jew li għandhom fatturi ta' riskju differenti għan-nisa; jew li jidhru b'mod differenti fin-nisa u l-irġiel (pereżempju, disturb minn stress postrawmatiku). Dan jenfasizza l-importanza li jittieħed approċċ għas-saħħa mentali li jkun sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u li jirrikonoxxi wkoll li hemm differenzi sinifikanti speċifiċi għall-ġeneru fil-kawżi, il-fatturi ta' riskju, id-dijanjożi u s-sintomi ta' diffikultajiet tas-saħħa mentali, inkluż disturbi mentali, kif ukoll matul mard jew disturbi differenti. Barra minn hekk, l-ostakli bbażati fuq il-ġeneru, inkluż l-istigma, l-istereotipi tal-ġeneru u d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, jistgħu jfixklu lin-nisa u l-bniet, kif ukoll lill-irġiel u s-subien milli jiksbu aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali.

[8] Servizz tar-Riċerka tal-Parlament Ewropew: Mental Health in the EU, Tagħrif mill-Parlament Ewropew 2023.

15. L-istereotipi tal-ġeneru u r-rwoli tradizzjonali tal-ġeneri għandhom impatt sinifikanti fuq il-ħajja tal-bniet u n-nisa, u fatturi bħal xogħol żejjed, il-forom kollha ta' vjolenza (inkluż il-vjolenza sesswali, abbażi tal-ġeneru jew domestika), il-fastidju, it-tagħbija psikoloġika, il-pressjoni ekonomika u d-dipendenza jistgħu jirriżultaw f'depressjoni, eżawriment, disturb minn stress postrawmatiku, problemi fl-imġiba alimentari, disturbi minħabba l-użu ta' sustanzi, eċċ. Minħabba l-esponiment ta' livell ogħla tan-nisa għal dawn il-fatturi, u fid-dawl tal-ħtiġijiet differenti ta' saħħa mentali u benesseri tan-nisa u l-bniet ta' kull età, appoġġ immirat għas-saħħa mentali biex jittejbu l-eżiti tas-saħħa mentali, kif ukoll miżuri mmirati biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi strutturali u tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, huma indispensabbli sabiex jiġi żgurat il-benesseri tal-bniet u tan-nisa mit-tfulija sax-xjuħija. Il-politiki mmirati li jindirizzaw id-disparitajiet bejn il-ġeneri u jnaqqsu t-tagħbija mentali mix-xogħol ta' indukrar, flimkien ma' appoġġ multidixxiplinari, u partikolarment politiki li jiffukaw fuq l-ispettru sħiħ tal-ħtiġijiet tas-saħħa u tal-kura tan-nisa, inkluż servizzi soċjali, tal-kura fit-tul, u tas-saħħa mentali.

16. Kull min jesperjenza vjolenza abbażi tal-ġeneru jkun jinsab f'sitwazzjoni vulnerabbli, u dan huwa partikolarment minnu għan-nisa u l-bniet. Id-Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tirrikonoxxi li l-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa għandhom konsegwenzi detrimentali fuq is-saħħa mentali tagħhom u li l-vittmi li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali jinsabu f'riskju aktar għoli ta' vjolenza. Barra minn hekk, tirrikonoxxi li t-tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza domestika fil-familja jew fl-unità domestika jkollhom riskju akbar li jsofru minn mard mentali, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, kif ukoll strumenti internazzjonali rilevanti oħra kif imsemmija fl-anness ta' dan il-Konklużjonijiet, ser jikkontribwixxu għall-protezzjoni tas-saħħa mentali tan-nisa, fost l-oħrajn, permezz ta' miżuri li jindirizzaw il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, u permezz tat-taħriġ u l-informazzjoni offruti lill-professjonisti b'funzjonijiet superviżorji fuq il-post tax-xogħol dwar dan is-suġġett.

17. Analiżi tal-benesseri mentali awtovalutat fost il-gruppi tal-popolazzjoni turi li n-nisa fl-Ewropa jirrapportaw livelli aktar baxxi ta' benesseri mentali rrispettivament mill-istruttura tal-familja, l-età, il-livell tal-introjtu, il-pajjiż tat-twelid jew id-diżabilità. Id-determinanti soċjali tas-saħħa mentali huma potenzjalment involuti. Id-differenza fil-kura bejn il-ġeneri hija fattur ewlieni wara l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u għalhekk għandha impatt sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Barra minn hekk, l-indokraturi mhux imħallsa, fil-biċċa l-kbira nisa, huma f'riskju akbar li jsofru mis-solitudni u l-iżolament, li huwa fattur ta' riskju ewlieni għas-saħħa mentali.

18. Peress li n-nisa jkomplu jwettqu l-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' kura huma aktar suxxettibbli mill-irġiel li jadattaw il-ħin tax-xogħol imħallas tagħhom. Id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandha l-għan li tindirizza l-kondiviżjoni inugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn l-irġiel u n-nisa billi tiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja għall-ħaddiema li huma ġenituri jew indukraturi, inkluż permezz ta' liv tal-paternità u liv tal-ġenituri mhux trasferibbli mħallas għall-ġenituri kollha. Flimkien ma' dan, żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 u dwar l-Aċċess għall-Kura fit-Tul Affordabbli u ta' Kwalità Tajba jippromwovu miżuri li jsaħħu l-kura aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja għat-tfal u għal dipendenti oħra tul il-ħajja. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jtaffu l-pressjoni fuq il-familji u jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet tal-indukrar bejn l-irġiel u n-nisa, għall-benefiċċju ta' kulħadd. L-għoti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) li jkunu inklużivi, aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja u tal-kura fit-tul (LTC) għat-tfal u dipendenti oħra huwa importanti għas-saħħa mentali tan-nisa, li jwettqu aktar xogħol ta' indukrar mħallas u mhux imħallas mill-irġiel.

**FILWAQT LI JQIS LI:**

19. In-nisa u l-bniet kif ukoll l-irġiel u s-subien jistgħu jiffaċċjaw firxa ta' sfidi tas-saħħa mentali speċifiċi għall-ġeneru matul il-ħajja. Ċerti sfidi relatati mas-saħħa mentali huma aktar prevalenti fost in-nisa u l-bniet.

20. L-għodod diġitali u l-media soċjali jista' jkollhom impatt pożittiv fuq is-saħħa mentali, inkluż billi jipprovdu aċċess għall-informazzjoni, għal gruppi ta' appoġġ, u għal servizzi ta' terapija, iżda jistgħu wkoll jaffettwaw is-saħħa mentali b'mod negattiv. It-tfal u ż-żgħażagħ, speċjalment il-bniet u n-nisa żgħażagħ, huma partikolarment esposti għal perikli bħall-effetti dannużi u li jagħmlu ħsara lill-immaġni tal-ġisem tal-kontenut online u r-riskju ta' vjolenza ċibernetika, inkluż il-fastidju ċibernetiku, kif enfasizzat fid-Direttiva adottata reċentement dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. L-esponiment għal dawn it-tipi ta' kontenut jista' jkollu wkoll impatt negattiv fuq l-iżvilupp psikoloġiku tat-tfal u ż-żgħażagħ, isaħħaħ l-istereotipi tal-ġeneru u saħansitra jinkoraġġixxi mġiba vjolenti lejn il-bniet u n-nisa.

21. Iż-żgħażagħ spiss jikkondividu ammonti kbar ta' data online mingħajr ma jifhmu bis-sħiħ l-użu jew l-implikazzjonijiet tagħha. Huwa kruċjali li jiġi indirizzat it-tħassib dwar disinji qarrieqa u li joħolqu dipendenza, u traċċar online eċċessiv mill-fornituri tas-servizzi diġitali. Barra minn hekk, it-tfal u ż-żgħażagħ, speċjalment in-nisa żgħażagħ u l-bniet, jiffaċċjaw riskju għoli ta' esponiment għal diżinformazzjoni, manipulazzjoni u abbuż, kif ukoll vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, inkluż is-cyberstalking, il-fastidju sesswali online, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat u t-trażmissjoni mhux mitluba ta' immaġnijiet, vidjo jew materjal ieħor li juri ġenitali. In-Nazzjonijiet Uniti jirrapportaw li n-nisa huma 27 darba aktar mill-irġiel suxxettibbli li jiġu attakkati online.[9] Barra minn hekk, l-esponiment bikri għall-pornografija, inkluż kontenut estrem u vjolenti, u l-użu ta' GenAI fil-kuntest ta' abbuż sesswali tat-tfal u/jew vjolenza abbażi tal-ġeneru, qed jaffettwaw ukoll b'mod negattiv is-saħħa mentali tal-bniet u jżidu l-imġiba misoġinistika. Dawn il-fatturi kollha jistgħu jfixklu b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniet u l-iżvilupp fiżiku u mentali tagħhom.

9 Il-prevenzjoni tal-Vjolenza Bbażata fuq il-Ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija - Rispons għall-Aġenda 2030 u "L-Aġenda Komuni Tagħna" billi tiġi mmitigata b'mod proattiv il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija billi jittejbu d-disinn tal-prodott, il-privatezza u s-sigurtà tad-data, u l-oqfsa legali biex it-trasgressuri jinżammu responsabbli.

22. Id-WHO sabet li l-konsegwenzi negattivi tal-media soċjali fuq is-saħħa, b'mod partikolari fost il-bniet adolexxenti, jinkludu t-telf tal-awtostima, inkwiet, ansjetà, diffikultà fir-rilassament u fl-irqad, u d-deterjorament tal-ħiliet ta' komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ[10].

23. Barra minn hekk, kif irrappurtat mid-WHO, il-bniet adolexxenti għandhom saħħa u benesseri mentali ifqar b'mod ġenerali meta mqabbla mas-subien. Barra minn hekk, dawn id-differenzi jikbru mal-età, bil-bniet ta' 15-il sena juru l-agħar effetti.[11] Kważi d-doppju ta' dawk li għandhom 15-il sena (13 % għas-subien u 28 % għall-bniet) jirrapportaw li jħossuhom waħedhom, meta mqabbla ma' dawk ta' 11-il sena (8 % għas-subien u 14 % għall-bniet). Ta' min jinnota li l-istereotipi tal-ġeneru jistgħu jiskoraġġixxu kemm lis-subien kif ukoll lill-bniet milli jirrapportaw tħassib dwar is-saħħa mentali.

24. Il-media soċjali tikkontribwixxi għar-rinfurzar tal-istandards tas-sbuħija artifiċjali u mhux tajbin għas-saħħa, inkluż permezz ta' kontenut maħluq jew editjat b'mod diġitali, kif ukoll billi tipperpetwa l-istereotipi tal-ġeneru. Dan ipoġġi liż-żgħażagħ, b'mod partikolari lin-nisa żgħażagħ, taħt pressjoni kbira fir-rigward tal-karatteristiċi fiżiċi tagħhom. Id-disturbi alimentari (pereżempju l-anorexia nervosa, il-bulimija, eċċ.) fost l-adolexxenti, b'mod partikolari l-bniet, huma ta' tħassib sinifikanti għas-saħħa pubblika. Ideali estetiċi mhux realistiċi jaffettwaw ukoll lis-subien u jistgħu jwasslu għal disturb dismorfiku tal-ġisem u disturbi oħra.

25. Is-subien huma esposti wkoll minn età bikrija għall-oġġettifikazzjoni, is-sesswalizzazzjoni u r-rappreżentazzjonijiet stereotipiċi mifruxa tal-bniet u n-nisa online, speċjalment permezz tal-pornografija jew fil-media u fil-kultura ġenerali, inkluż il-logħob online, li jistgħu jipperpetwaw ir-rwoli u l-istereotipi tal-ġeneru, kif ukoll jittrivjalizzaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, speċjalment il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. L-imġiba online tal-influwenzaturi u l-kontenut li joħolqu jistgħu jkunu wkoll ta' ħsara għall-individwi, kif ukoll għas-soċjetà kollha kemm hi. Barra minn hekk, is-saħħa mentali u fiżika tal-udjenza online, b'mod partikolari dik tal-minorenni, tista' tiġi affettwata b'mod negattiv minn, pereżempju, il-bullying ċibernetiku, il-miżinformazzjoni jew id-diżinformazzjoni, kif ukoll minn tqabbil mhux tajjeb għas-saħħa mal-influwenzaturi. L-indirizzar ta' attitudnijiet maskili mhux tajbin għas-saħħa u stereotipati skont il-ġeneru u ta' mġiba dannuża online huwa wkoll sfida kruċjali.

---

10 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: Women's health and well-being in Europe: beyond the mortality advantage, 2016.

11 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: Mental health in Europe and Central Asia: girls fare worse than boys. WHO Ewropa, 2023.

26. Il-ġenituri waħedhom jinsabu f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli fir-rigward tal-isfidi tal-faqar, l-akkomodazzjoni u s-saħħa, inkluż kwistjonijiet ta' saħħa mentali.[12] Hemm 7.8 miljun familja b'ġenitur wieħed fl-UE u n-nisa jammontaw għal kważi 80 % tal-ġenituri waħedhom.[13] Ħafna ommijiet waħedhom jiffaċċjaw stress psikoloġiku li jirriżulta minn sitwazzjoni finanzjarja prekarja, esklużjoni soċjali jew l-akkumulazzjoni ta' rwoli soċjali[14].

27. Il-vulnerabbiltà u l-pressjoni mentali esperjenzati min-nisa matul u wara t-tqala, inkluż id-depressjoni perinatali, jista' jkollhom impatt detrimentali serju fuq ħajjithom. L-isfidi matul l-ewwel 1000 jum tal-ħajja ta' tarbija jistgħu jaffettwaw il-ħajja tal-membri kollha tal-familja, inkluż f'termini ta' saħħa mentali, u dan jistħoqqlu wkoll attenzjoni. Ir-riċerka turi li n-network soċjali jew is-sistema ta' appoġġ disponibbli għall-omm huma importanti biex jiddeterminaw is-saħħa mentali u s-saħħa ġenerali tagħha, kif ukoll il-kwalità tal-kura li kapaċi tipprovdi lit-tarbija tagħha; dan juri l-importanza ta' servizzi ta' kura affordabbli, aċċessibbli, ta' kwalità għolja u inklużivi u l-kondiviżjoni ugwali tax-xogħol ta' indukrar bejn in-nisa u l-irġiel u fi ħdan l-unitajiet domestiċi abbażi ta' leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri mhux trasferibbli kkumpensat tajjeb u arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Hemm evidenza konsistenti li l-aċċess tal-ġenituri għal-liv flessibbli, inkluż fil-perjodu ta' wara l-ħlas, itaffi l-piż fuq l-ommijiet, u b'hekk itejjeb is-saħħa materna u jnaqqas ir-riskju ta' depressjoni wara l-ħlas. Spiss sottovalutati, il-korrimenti u l-kundizzjonijiet tas-saħħa speċifiċi għan-nisa, bħall-endometrijożi, u t-tbatija psikoloġika li tirriżulta, jeħtieġu wkoll attenzjoni speċifika u miżuri ta' appoġġ. B'mod aktar ġenerali, l-istereotipi marbuta mal-ġeneru jistgħu jwasslu għal dewmien fid-dijanjożi medika jew iwasslu biex it-tbatija tan-nisa tiġix meħuda bis-serjetà jew minimizzata.

12 L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Poverty, gender and lone parents in the EU, 2016.

13 Il-kalkoli tal-EIGE huma bbażati fuq il-mikrodata tal-UE-SILC tal-2022. Dan in-numru jinkludi familji b'ġenitur wieħed bi tfal dipendenti taħt l-età ta' 24 sena li huma ddikjarati li huma tfal proprji/adottati jew tfal tar-rispett u li mhumiex f'impjieg jew qiegħda.

14 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: Women's health and well-being in Europe: beyond the mortality advantage, 2016.

28. L-aċċess għall-impjieg jagħti s-setgħa lin-nisa, u hekk jiffaċilita r-reżiljenza u l-kontroll fuq il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-indipendenza u l-awtonomija finanzjarja. Sfidi bħall-aċċess inugwali għas-servizzi soċjali; l-impjieg u/jew il-progress fil-karriera; id-disparitajiet bejn il-ġeneri, inkluż id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; il-kondiviżjoni inugwali tar-responsabbiltajiet domestiċi u tal-kura tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel; u l-pressjonijiet u d-dipendenzi ekonomiċi, kollha jpoġġu pressjoni mentali sinifikanti fuq in-nisa. L-indipendenza finanzjarja tan-nisa hija marbuta direttament mas-saħħa mentali tagħhom, peress li d-dipendenza finanzjarja hija assoċjata ma' firxa ta' eżiti negattivi, inkluż inqas opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom fl-edukazzjoni, f'impjieg bi ħlas u f'attivitajiet intraprenditorjali. Il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol jistgħu jkunu wkoll ta' detriment għas-saħħa mentali tan-nisa.

29. L-għoti tal-kura jista' jkollu konsegwenzi mhux mixtieqa għall-indukraturi informali, inkluż effetti negattivi fuq l-introjtu attwali u futur tagħhom u fuq is-saħħa mentali tagħhom. Il-prevalenza tal-problemi tas-saħħa mentali fost l-indukraturi, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma nisa, hija 20 % ogħla minn dik fost dawk li ma jindukrawx.[15] Għalhekk l-indirizzar ta' dawk l-isfidi jikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll għall-appoġġ tas-saħħa mentali tan-nisa.

30. Is-saħħa mentali tal-vittmi ta' vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru u ta' vjolenza domestika hija kwistjoni li teħtieġ attenzjoni partikolari, peress li l-vjolenza għandha effetti psikoloġiċi serji fit-tul. In-nisa u l-bniet u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli huma milquta b'mod sproporzjonat. Il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru tieħu ħafna forom, inkluż il-vjolenza domestika, il-vjolenza minn sieħeb intimu, il-vjolenza sesswali, il-vjolenza fiżika, il-vjolenza psikoloġika, il-vjolenza ekonomika, iż-żwieġ furzat, il-femminiċidju, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u t-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija. Fl-UE, il-vjolenza fiżika u sesswali minn sieħeb jew konjuġi attwali jew preċedenti kontra mara hija fost l-aktar forom komuni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Aktar minn mara minn kull ħamsa (22 %) sfat vittma tagħha.[16] Kif enfasizzat mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali ppubblikat mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-vjolenza sesswali, b'mod partikolari, għandha impatt psikoloġiku serju fit-tul fuq il-vittmi, inkluż li jħossuhom anzjużi, bla difiża, jistħu minnhom infushom, imbarazzati, jew depressi.

---

15 Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea: Protezzjoni soċjali adegwata għall-ħtiġijiet ta' kura fit-tul f'soċjetà li qed tixjiħ, 2014.

16 L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2021: Saħħa.

31. Abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni", jeħtieġ li l-Ewropa tibni "soċjetà ta' lonġevità' li tagħti valur lill-ħajja itwal li wieħed iqatta' f'età avvanzata, tagħti s-setgħa liċ-ċittadini akbar fl-età, u trawwem il-benesseri u l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri bl-istess mod". F'dan il-kuntest, is-saħħa mentali tal-anzjani, speċjalment tan-nisa, jistħoqqilha attenzjoni partikolari. Id-disturbi tas-saħħa mentali, inklużi d-depressjoni, l-ansjetà, u d-deterjorament konjittiv huma prevalenti fost il-popolazzjoni anzjana. Bħala medja, in-nisa jgħixu aktar fit-tul, iżda jqattgħu aktar snin minn ħajjithom f'saħħa mentali aktar fqira. L-iżolament soċjali u s-solitudni, li jaffettwaw madwar kwart tal-persuni akbar fl-età, huma elementi ta' riskju ewlenin għall-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali aktar tard fil-ħajja. L-istess jgħodd għat-trattament ħażin tal-persuni akbr fl-età, li jinkludi kwalunkwe tip ta' abbuż fiżiku, psikoloġiku, sesswali jew finanzjarju, kif ukoll traskurar.

32. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità sab li n-nisa u l-bniet b'diżabilità spiss jiffaċċjaw riskju ogħla li jiġu soġġetti għal prattiki ta' ħsara, li jaffettwaw is-saħħa u l-benesseri tagħhom, inkluż is-saħħa mentali tagħhom[17]. B'mod partikolari, spiss ikunu f'riskju akbar ta' vjolenza fl-istituzzjonijiet minħabba li jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet rigward il-post ta' residenza tagħhom kif ukoll l-arranġamenti tal-għajxien tagħhom minħabba stereotipar paternalistiku u xejriet soċjali patrijarkali li jiddiskriminaw kontra n-nisa[18]. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' aċċessibbiltà fl-ambjenti mibnija u online, fil-prodotti, fis-servizzi u fil-komunikazzjonijiet jipprevjeni lin-nisa b'diżabilità milli jipparteċipaw bis-sħiħ fl-oqsma kollha tal-ħajja, li jwassal għal iżolament u diskriminazzjoni, li huwa wkoll ta' detriment għas-saħħa mentali tagħhom. Xi wħud minn dawn l-isfidi jaffettwaw ukoll is-saħħa mentali tal-familji tagħhom u tal-indukraturi.

33. Dan is-sett ta' konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma u l-impenji politiċi preċedenti espressi mill-Kunsill, il-Kummissjoni ,il-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

---

[17] Nazzjonijiet Uniti, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, 24 ta' Jannar 2007, A/RES/61/106.

[18] Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, Kumment ġenerali Nru 5 dwar l-Artikolu 19 – the right to live independently and be included in the community, 27 ta' Ottubru 2017, CRPD/C/GC/5.

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI:**

34. JIŻGURAW li l-miżuri li jippromwovu u jappoġġaw saħħa mentali aħjar jinkludu perspettiva tal-ġeneru u jkunu reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fit-tfassil u t-twettiq tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom ikunu aċċessibbli u, fejn meħtieġ, immirati lejn gruppi li jistgħu jkunu aktar diffiċli biex jintlaħqu, jew li jiffaċċjaw sfidi partikolari tas-saħħa mentali.

35. JIĠĠIELDU KONTRA l-forom kollha ta' vjolenza, diskors ta' mibegħda u diskriminazzjoni, speċjalment kontra n-nisa u l-bniet, inkluż forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, kif ukoll stigma dwar diffikultajiet ta' saħħa mentali, b'enfasi speċifika fuq in-nisa u dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli jew emarġinati, inkluż persuni f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati.

36. JIĠĠIELDU KONTRA l-istereotipi tal-ġeneru u n-normi soċjali negattivi, inkluż it-tabù, li jiskoraġġixxu lin-nisa u lill-bniet, iżda speċjalment lill-irġiel u s-subien, milli juru vulnerabbiltà, u b'hekk jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jfittxu appoġġ meta jkollhom bżonnu.

37. JIEĦDU AZZJONI, fejn ikun xieraq, sabiex jindirizzaw l-istereotipi tal-ġeneru, kif ukoll ir-rappreżentazzjonijiet li joġġettifikaw u jissesswalizzaw lin-nisa u l-bniet fil-mezzi tal-informazzjoni u r-reklamar.

38. JINDIRIZZAW ir-rabta bejn l-istil ta' ħajja u s-saħħa mentali, inkluż fir-rigward tad-drawwiet tal-ikel, l-attività fiżika, il-konsum dannuż tal-alkoħol, il-konsum tad-drogi u sustanzi oħra ta' ħsara, u l-komorbożità, filwaqt li titqies il-perspettiva tal-ġeneru.

39. JIEĦDU MIŻURI ADATTI, inkluż miżuri preventivi, f'konformità mad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, biex jipproteġu lin-nisa u l-bniet minn kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza fl-istituzzjonijiet pubbliċi u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija u JSAĦĦU servizzi ta' appoġġ imfassla apposta għall-vittmi. F'dan il-kuntest, huwa importanti li tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa u l-bniet li jgħixu b'disturbi mentali jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż dawk li jiffaċċjaw kundizzjonijiet prekarji jew jinsabu mingħajr dar. JAPPOĠĠAW it-taħriġ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-ħaddiema, inkluż il-voluntiera fis-setturi kollha li x'aktarx ikunu f'kuntatt mal-vittmi.

40. Filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-individwi, kif ukoll il-valuri komuni Ewropej, JIEĦDU MIŻURI ADATTI biex jipproteġi liż-żgħażagħ minn kontenut online ta' ħsara, inkluż kontenut iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali bħal deepfakes, li jikkawża disturb dismorfiku tal-ġisem u saħħa mentali ħażina filwaqt li jikser id-drittijiet għall-privatezza u d-drittijiet tal-immaġni, l-integrità sesswali u d-dinjità tal-vittmi. Tali miżuri jistgħu jinkludu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għat-tfal, għall-ġenituri u għall-għalliema permezz taċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur nazzjonali u kampanji mifruxa biex jissensibilizzaw lis-soċjetà kif ukoll jiżguraw proċessi ta' rappurtar effettivi. JAPPOĠĠAW it-taħriġ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-impjegati fis-setturi kollha li x'aktarx ikunu f'kuntatt mal-vittmi. Barra minn hekk, IRAWMU t-trasparenza u jtejbu l-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sessi u, fejn xieraq, karatteristiċi rilevanti oħra, sabiex jiġi appoġġat il-monitoraġġ ta' kontenut online ta' ħsara.

41. JIEĦDU MIŻURI ADATTI, skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, biex jipproteġu l-minorenni, b'mod partikolari l-bniet, minn kontenut illegali u vjolenti disponibbli online li jista' jxekkel l-iżvilupp fiżiku jew mentali tagħhom jew jikkawża trawma psikoloġika.

42. JIPPROMWOVU, kif u fejn xieraq, mudelli eżemplari pożittivi u rappreżentanza diversa fil-media, u jiġġieldu l-istereotipi tal-ġeneru, kif ukoll l-oġġettifikazzjoni u s-sesswalizzazzjoni tan-nisa u l-bniet fil-media u online, b'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi appoġġata s-saħħa mentali taż-żgħażagħ, speċjalment tan-nisa żgħażagħ u l-bniet, u filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-effetti possibbli relatati mal-immaġni ta' ġisimhom. JINDIRIZZAW l-istereotipi tal-ġeneru fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u fil-forom kollha tagħha.

43. JIŻGURAW appoġġ u protezzjoni soċjali adegwati għall-ġenituri kollha, inkluż l-ommijiet waħedhom, u l-ġenituri li jrabbu tfal b'diżabilitajiet, permezz ta' miżuri bħal servizzi ta' kura affordabbli, aċċessibbli, ta' kwalità għolja u inklużivi kif ukoll allowances għat-tfal u l-akkomodazzjoni, sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jaħdmu u sabiex titnaqqas id-diffikultà finanzjarja u l-impatt tagħha partikolarment fuq is-saħħa mentali tan-nisa. Barra minn hekk, JIŻGURAW, f'konformità mad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bilanċ adegwat bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri, inkluż għall-ommijiet waħedhom, permezz ta' miżuri bħall-promozzjoni ta' xogħol flessibbli, inkluż arranġamenti ta' telexogħol, u l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura mħallsa u mhux imħallsa bejn in-nisa u l-irġiel u fi ħdan l-unitajiet domestiċi, inkluż billi jittejjeb l-aċċess għal-liv tal-paternità u għal-liv tal-ġenituri mħallas mhux trasferibbli. Barra minn hekk, JIEĦDU PASSI, f'konformità mal-impenji eżistenti, biex itejbu s-servizzi tal-LTC u tal-ECEC aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja.

44. JIEĦDU MIŻURI BIEX ITEJBU l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ mediku, soċjali u psikoloġiku għall-ġenituri, inkluż l-ommijiet waħedhom, l-indukraturi fit-tul mhux imħallsa u n-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll l-aċċess għal servizzi affordabbli ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, sabiex jiġi evitat u indirizzat l-eżawriment u avversitajiet oħra marbuta ma' piżijiet multipli. JIPPROVDU aċċess faċli għall-appoġġ soċjali u psikoloġiku, speċjalment għan-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, minoranzi, gruppi emarġinati u dawk f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati, fosthom dawk appoġġati minn servizzi ta' kura fit-tul, dawk li jesperjenzaw is-solitudni u l-iżolament soċjali, persuni b'diżabilità, refuġjati, migranti, priġunieri u persuni mingħajr dar.

45. JIŻGURAW l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u soċjali reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru li jkunu ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, fosthom il-kura fil-komunità, filwaqt li jiżguraw ukoll, kemm fil-politika kif ukoll fil-prattika, li dawn is-servizzi jkunu konxji u reattivi għall-ħtiġijiet diversi tal-persuni kollha, speċjalment in-nisa u l-bniet, tkun xi tkun l-età tagħhom, u inkluż dawk l-aktar marġinalizzati; li jkunu msejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-approċċ tagħhom, filwaqt li jagħtu valur lill-esperjenza tal-ħajja u jinvolvu b'mod attiv lill-utenti tas-servizzi (u l-membri tal-familja tagħhom, il-persuni li jieħdu ħsiebhom u s-sostenituri tagħhom skont il-każ) bħala mexxejja fl-ippjanar u l-għoti tal-kura tagħhom; u li jqisu t-trawma mġarrba.

46. JIEĦDU MIŻURI biex jiżguraw ir-rispett, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet kollha, speċjalment in-nisa u l-bniet b'diżabilità, biex jippromwovu t-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-avvanz tagħhom, u biex jiżguraw id-dritt tagħhom għal teħid ta' deċiżjonijiet indipendenti, kif ukoll biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa u l-bniet b'diżabilità fl-aċċess għas-servizzi soċjali u l-appoġġ fil-komunità sabiex titrawwem l-indipendenza tagħhom.

47. JIEĦDU MIŻURI biex jipprevjenu diffikultajiet ta' saħħa mentali fost in-nisa u l-bniet billi jippromwovu saħħa mentali pożittiva fil-popolazzjoni kollha, u jipprovdu servizzi biex jappoġġaw intervent bikri fejn jinqalgħu diffikultajiet ta' saħħa mentali, b'mod partikolari għal dawk li hu diffiċli li jintlaħqu, li huma f'riskju ta' esklużjoni soċjali, jew li huma parti minn gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

48. JIEĦDU MIŻURI biex itejbu l-kura medika u psikoloġika tal-ġenituri, speċjalment tal-ommijiet fil-bżonn fil-perjodi ta' qabel u ta' wara l-ħlas, kif ukoll fil-każ ta' korrimenti, u jippromwovu l-bini ta' networks ta' appoġġ lokali sabiex itaffu l-isfidi tas-saħħa mentali tal-ġenituri b'rabta mat-tqala, it-twelid u l-istat ta' ġenitur. JIFFAĊILITAW taħriġ xieraq għall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa u l-ħaddiema soċjali f'dan ir-rigward. JIEĦDU MIŻURI biex jinkoraġġixxu lill-missirijiet biex jassumu r-responsabbiltajiet tal-familja u tal-indukrar bil-ħsieb tal-kondiviżjoni indaqs ta' dawn ir-responsabbiltajiet bejn l-irġiel u n-nisa, speċjalment fl-okkażjoni ta' tqala u twelid fil-familja.

49. IRAWMU miżuri li jiżguraw ċirkostanzi xierqa għall-ommijiet u għat-trabi fil-kura ta' qabel il-ħlas, b'attenzjoni speċjali għall-informazzjoni mogħtija lill-pazjent u l-integrità fiżika u emozzjonali u l-ħtiġijiet tan-nisa qabel, matul u wara l-ħlas b'rabta mal-kura, il-proċeduri, l-interventi, il-mediċini u l-ambjent tat-twelid, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-inklużjoni tas-sieħeb u/jew tal-persuna li takkumpanja l-omm.

50. JAPPOĠĠAW strateġiji ta' prevenzjoni, promozzjoni tas-saħħa u sensibilizzazzjoni għal tixjiħ f'saħħtu u attiv, li jqisu perspettiva tal-ġeneru, u jinkludu miżuri attivi biex jiġi miġġieled l-etaiżmu, biex jittejjeb l-għarfien dwar is-saħħa u biex titħares u tittejjeb is-saħħa mentali ta' persuni akbar fl-età, speċjalment nisa akbar fl-età, pereżempju miżuri bl-għan li jsaħħu l-awtosuffiċjenza ekonomika tagħhom, miżuri li jtnaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u li jnaqqsu l-faqar fix-xjuħija, li jaffetwa b'mod sproporzjonat lin-nisa, u miżuri biex jiġu żgurati akkomodazzjoni sikura u aċċessibbli, u aċċess għal kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja, miżuri biex jiġu żgurati aċċess għall-kura għal nisa li jkollhom problemi ta' saħħa waqt il-perimenopawża u l-menopawża jew problemi oħra relatati mat-tixjiħ, kif ukoll għajnuna soċjali għalihom, u għal dawk li jieħdu ħsiebhom, sabiex jitnaqqsu l-iżolament soċjali u s-solitudni.

51. IKOMPLU joffru firxa ta' servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali, inkluż servizzi ta' appoġġ psikoloġiku online b'aċċess faċli għall-minorenni, fejn ikun xieraq.

52. IQAJMU KUXJENZA dwar l-importanza ta' u jirrikonoxxu l-ħtieġa għal aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati kif identifikat fil-paragrafu 34 tal-Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp (2017) bħala elementi ewlenin fl-iżgurar tal-ogħla standards li jistgħu jinkisbu kemm tas-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, SKONT IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM:**

53. JIŻGURAW it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom u korretti mill-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, dwar l-opportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, u dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-indukraturi, kif ukoll dwar it-trasparenza fil-pagi, inkluż bil-ħsieb li jiġi miġġieled il-faqar fix-xjuħija, b'fokus speċjali fuq in-nisa xjuħ.

54. JIEĦDU PASSI biex itejbu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li jqisu perspettiva tal-ġeneru, speċjalment billi jindirizzaw ir-riskji għas-saħħa mentali u r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li jirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali. JIPPROMWOVU l-applikazzjoni u l-infurzar xierqa u effettivi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-direttivi rilevanti tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol f'dan il-kuntest.

55. IQAJMU KUXJENZA fost it-tfal u ż-żgħażagħ, il-ġenituri tagħhom, l-indukraturi u l-edukaturi, kif ukoll il-popolazzjoni ġenerali, dwar komunikazzjoni u kondiviżjoni ta' kontenut online rispettużi u responsabbli, inkluż permezz ta' appoġġ għal kampanji speċifiċi mmirati lejn it-tfal, bil-ħsieb li tittejjeb il-protezzjoni online u fuq il-media soċjali.

56. IQAJMU KUXJENZA dwar il-konsegwenzi psikoloġiċi u konjittivi fuq il-minorenni, inkluż l-iżgħar ġenerazzjoni, ta' tul eċċessiv ta' ħin iħarsu lejn l-iskrin tal-ismartphone. JIEĦDU MIŻURI fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali u JKOMPLU l-ħidma fuq l-iżvilupp tas-sett ta' għodod ta' prevenzjoni li jindirizza d-determinanti tas-saħħa fiżika u mentali msemmijin fiha.

57. JINKORAĠĠIXXU miżuri ta' promozzjoni u prevenzjoni, fosthom miżuri li jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet psikosoċjali, speċjalment dawk tan-nisa u l-bniet, kif irrakkomandat mid-WHO, minn età żgħira, fost il-gruppi ta' età kollha, u fl-ambjenti kollha.

58. JIEĦDU MIŻURI, inkluż fil-qafas tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, biex jipprovdu lill-minorenni, speċjalment lill-bniet, b'livell għoli ta' sikurezza, sigurtà u privatezza meta jużaw pjattaformi online u jieħdu sehem fl-isfera diġitali.

59. JINKORAĠĠIXXU t-trawwim ta' bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, pereżempju permezz ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inkluż, fejn xieraq, it-telexogħol, u l-promozzjoni ta' prattiki li jippermettu bilanċ effettiv bejn ix-xogħol u l-ħin personali, filwaqt li titqies l-importanza tal-benesseri mentali.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX, SKONT IL-KOMPETENZI TAGĦHA:**

60. TKOMPLI TRAWWEM azzjonijiet biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, li jindirizzaw l-oqsma rilevanti identifikati fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal u fl-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, fosthom azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika, il-fastidju online, is-cyberstalking u s-sessiżmu kontra l-bniet u s-subien.

61. TKOMPLI timmonitorja u tappoġġa t-traspożizzjoni u l-applikazzjoni korretti tar-rekwiżiti rilevanti skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-minorenni, speċjalment il-bniet, minn kontenut illegali u ta' ħsara disponibbli online. B'mod partikolari, TAGĦMEL SFORZI biex tiżviluppa qafas ġdid ta' kooperazzjoni bejn il-pjattaformi tal-media soċjali biex tiġi protetta s-sikurezza online tan-nisa u tal-bniet, kif previst fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025.

62. TINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex, fil-qafas tar-Regolament dwar regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, jimmonitorjaw l-użi abbużivi tal-IA ġenerattiva u jobbligaw lill-operaturi online jerfgħu r-responsabbiltà f'dan il-qasam. Speċifikament TIMMONITORJA l-obbligu tal-Istati Membri, skont id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, li jipprevedu miżuri biex fil-pront ineħħu l-aċċess jew ineħħu materjal illegali u ta' ħsara, bħad-deepfakes, li jikser id-dritt għall-privatezza u d-drittijiet tal-immaġni, l-integrità sesswali u d-dinjità tal-persuni, u li jiżguraw il-protezzjoni għall-utenti, u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom.

63. TQAJJEM KUXJENZA dwar l-importanza ta' appoġġ psikoloġiku għall-ġenituri, speċjalment l-ommijiet waħedhom u l-indukraturi fit-tul mhux imħallsa f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi vulnerabbli u żvantaġġati.

64. IŻŻID L-GĦARFIEN ĠENERALI dwar il-kundizzjonijiet psikosoċjali u TINDIRIZZA l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u TIPPROMWOVI d-destigmatizzazzjoni f'dan il-kuntest.

65. TQAJJEM KUXJENZA dwar id-drittijiet għat-trasparenza fil-pagi, tappoġġa s-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjoni kollettiva fi kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi, u timmonitorja u tiżviluppa gwida dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi kif ukoll dwar id-drittijiet ġodda tal-ħaddiema li huma ġenituri u indukraturi skont id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata.

66. TIPPROMWOVI inizjattivi mmirati lejn l-appoġġ tal-ogħla standard li jista' jinkiseb kemm tas-saħħa fiżika kif ukoll tas-saħħa mentali tal-ġenituri, speċjalment tal-ommijiet, matul il-ħajja kollha, inkluż permezz tal-involviment tal-irġiel u s-subien fir-responsabbiltajiet tal-familja u tal-kura, speċjalment matul il-perjodu tat-tqala u fi żmien il-ħlas. TKOMPLI ttejjeb l-għarfien dwar is-saħħa tal-persuni kollha, billi tieħu approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inkluż enfasi fuq in-nisa u l-bniet. TKOMPLI d-distribuzzjoni ta' informazzjoni ta' kwalità għolja dwar is-saħħa lill-persuni kollha, speċjalment fost il-bniet u s-subien żgħar.

67. TENFASIZZA l-importanza li l-vittmi u s-superstiti ta' vjolenza sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin kollha jingħataw l-appoġġ soċjali u psikoloġiku meħtieġ meta jiġu żviluppati inizjattivi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u t-traffikar tal-bnedmin.

68. TIKKUNSIDRA inizjattivi mmirati ffukati fuq in-nisa akbar fl-età li għandhom l-għan li jħarsu u jtejbu s-saħħa mentali tagħhom, pereżempju permezz ta' miżuri biex jiġu miġġielda s-solitudni u l-iżolament soċjali.

## Referenzi

### 1. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi.

Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva), emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018.

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.

Id-Direttiva (UE) 2024/1712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).

L-acquis tal-UE fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

2. **Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp (9459/17)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-influwenzaturi bħala ħallieqa ta' kontenut online (9301/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali u x-xogħol prekarju (13937/23)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali (15971/23)

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea (15322/23)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (2022/C 484/01)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (2022/C 476/01)

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1018 tal-25 ta' Marzu 2024 li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

3. **Il-Parlament Ewropew**

Riżoluzzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali (2015/2007(INI)), C 66/44, 2018.

Servizz tar-Riċerka tal-Parlament Ewropew: Mental Health in the EU, Tagħrif mill-Parlament Ewropew, 2023, https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2023/751416/EPRS_BRI(2023)751416_EN.pdf

Il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Brunello, S., Gay-Berthomieu, M., Smiles, B. et al., Obstetric and gynaecological violence in the EU – Prevalence, legal frameworks and educational guidelines for prevention and elimination, Parlament Ewropew, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2861/32832

**4. Il-Kummissjoni Ewropea**

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final

EUR-Lex - 52023DC0298 - MT - EUR-Lex

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel, COM/2021/323 final, 2021, 10291/21

Green Paper, It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni: Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali, COM(2005)484, 2005. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52005DC0484

Supporting the mental health of the health workforce and other essential workers. Opinjoni tal-Panel ta' Esperti dwar modi effettivi ta' investiment fis-Saħħa (EXPH), 2021. https://health.ec.europa.eu/system/files/2021-10/028_mental-health_workforce_en_0.pdf

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM/2023/577 final.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura, COM/2022/440 final, 2022.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, COM/2020/152 final.

Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea: Protezzjoni soċjali adegwata għall-ħtiġijiet tal-kura fit-tul f'soċjetà li qed tixjieħ, 2014, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/71532344-ddf1-4d34-a7aa-f65c701a22a2

Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Quattrocchi, P., Obstetric violence in the European Union – Situational analysis and policy recommendations, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2838/440301

Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Rozée, V., Schantz, C., van der Waal, R. et al., Case studies on obstetric violence – Experience, analysis, and responses, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2838/712175

**5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Opinjoni tal-KESE dwar ix-xogħol prekarju u s-saħħa mentali, 2023. https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/precarious-work-and-mental-health.

**6. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali**

Violence against women: an EU-wide survey, 2015: https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2014-vaw-survey-main-results-apr14_en.pdf.

Fundamental rights survey – Experiences of cyberharassment in the past 5 years: https://fra.europa.eu/en/data-and-maps/2021/frs?visualisation=map&topic=3&indicator=a_har5y_cyb&answer=01.%20yes&subset=fltr_agegr5&subsetValue=01.%201629&subsetB=0&subsetBValue=0

Fundamental rights survey 2021, https://fra.europa.eu/en/data-and-maps/2021/frs.

**7. Il-Eurofound**

Psychosocial risks in Europe: Prevalence and strategies for prevention, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2014. https://osha.europa.eu/sites/default/files/Report%20co-branded%20EUROFOUND%20and%20EU-OSHA.pdf

**8. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**

Data mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bbażata fuq il-mikrodata tal-UE-SILC tal-2022.

Poverty, gender and lone parents in the EU, Review of the implementation of the Beijing Platform for Action, 2016, https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/mh0216841enn.pdf.

Gender equality and digitalisation in the European Union, 2019. https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/gender-equality-and-digitalisation-european-union

Gender equality and youth: opportunities and risks of digitalisation, Factsheet, 2019. https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/gender-equality-and-youth-opportunities-and-risks-digitalisation-factsheet?language_content_entity=en

Gender Equality Index 2021: Health – Gender-based violence, https://eige.europa.eu/publications-resources/toolkits-guides/gender-equality-index-2021-report/gender-based-violence?language_content_entity=en.

Gender Equality Index 2021: Health. Women report poorer mental well-being than men: https://eige.europa.eu/publications-resources/toolkits-guides/gender-equality-index-2021-report/women-report-poorer-mental-well-being-men?language_content_entity=en

Combating Cyber Violence against Women and Girls, 2022. https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/combating-cyber-violence-against-women-and-girls

Cyber Violence against Women and Girls: Key Terms and Concepts, 2022. https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/cyber-violence-against-women-and-girls-key-terms-and-concepts

Financial independence and gender equality: Joining the dots between income, wealth and power, 2024.

https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/financial-independence-and-gender-equality.pdf

**9. Il-Kunsill tal-Ewropa**

Report on Psycho-Social Aspects of Single-Parent Families, https://www.coe.int/t/dg3/health/Reportsingleparents_en.asp.

Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (CETS Nru 210)

https://www.coe.int/en/web/conventions/full-list?module=treaty-detail&treatynum=210

**10. L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa**

Tackling the mental health impact of the COVID-19 crisis: An integrated, whole-of-society response. OECD Policy Responses to Coronavirus (COVID-19), OECD Publishing, Pariġi, 2021, https://doi.org/10.1787/0ccafa0b-en

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Politika Integrata dwar is-Saħħa Mentali, il-Ħiliet u x-Xogħol, 2022, https://legalinstruments.oecd.org/public/doc/334/334.en.pdf

OSKE u UE: Health at a Glance: Europe 2022: State of Health in the EU Cycle, 2022. https://www.oecd-ilibrary.org/social-issues-migration-health/health-at-a-glance-europe-2022_507433b0-en

**11. In-Nazzjonijiet Uniti**

A Healthy Workforce for a Better World. United Nations System Mental Health and Well-being Strategy, 2018, https://unsceb.org/sites/default/files/imported_files/mental_health_well_being_strategy_final_2018_may_25th_english_0.pdf

World Population Prospect 2022: release note about major differences in total population estimates for mid-2021 between 2019 and 2022 revisions. 2022, UN DESA: https://population.un.org/wpp/Publications/Files/WPP2022_Release-Note-rev1.pdf

UN DESA: Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3.

https://sdgs.un.org/goals/goal3.

Mary-Jo Del Vecchio Good: Women and mental health: https://www.un.org/womenwatch/daw/csw/mental.htm

**12. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa**

Il-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 1946, New York. https://apps.who.int/gb/bd/PDF/bd47/EN/constitution-en.pdf?ua=1

Thinking Healthy: A manual for psychosocial management of perinatal depression, 2015: https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/152936/WHO_MSD_MER_15.1_eng.pdf?sequence=1.

Maternal mental health and child health and development in low and middle income countries, 2008. https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/43975/9789241597142_eng.pdf?sequence=1

Women's health and well-being in Europe: beyond the mortality advantage, 2016: https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/332324/9789289051910-eng.pdf?sequence=1

RESPECT women – Preventing violence against women, 2019, https://www.who.int/publications/i/item/WHO-RHR-18.19.

A focus on adolescent mental health and well-being in Europe, central Asia and Canada. Health Behaviour in School-aged Children international report from the 2021/2022 survey, Volume 1, 2023. https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/373201/9789289060356-eng.pdf?sequence=2

Violence against women, 2021, https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/violence-against-women.

Mental health, 2022. https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/mental-health-strengthening-our-response

L-Osservatorju Globali tas-Saħħa. SDG Target 3.4 Non-communicable diseases and mental health. https://www.who.int/data/gho/data/themes/topics/sdg-target-3_4-noncommunicable-diseases-and-mental-health

Guide for integration of perinatal mental health in maternal and child health services, 2022. https://www.who.int/publications/i/item/9789240057142

Recommendations on maternal and newborn care for a positive postnatal experience: Executive summary, 2022. https://www.who.int/publications/i/item/9789240045989

Maternal mental health: https://www.who.int/teams/mental-health-and-substance-use/promotion-prevention/maternal-mental-health.

Mental health of older adults, 2023, https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/mental-health-of-older-adults.

Mental health in Europe and Central Asia: girls fare worse than boys. WHO Europe, 2023: https://www.who.int/europe/news/item/10-10-2023-mental-health-in-europe-and-central-asia--girls-fare-worse-than-boys

European framework for action on mental health 2021–2025. Copenhagen, Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa, 2022.
https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/352549/9789289057813-eng.pdf?sequence=1.

Women's Mental Health: An Evidence Based Review. Mental Health Determinants and Populations, Department of Mental Health and Substance Dependence, 2000, https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/66539/WHO_MSD_MDP_00.1.pdf?sequence=1

World mental health report: Transforming mental health for all, 16 ta' Ġunju 2022, https://www.who.int/publications/i/item/9789240049338.

**13. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)**

Il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190)

Il-Konvenzjoni C190 - il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) (ilo.org)

**14. Oħrajn**

Jané-Llopis, E. - Gabilondo, A. (edituri): Mental Health in Older People. Consensus paper. Il-Lussemburgu, il-Komunitajiet Ewropej, 2008.

https://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/mental/docs/consensus_older_en.pdf

Make Mothers Matter: Single Mothers within the European Union, 2022, https://makemothersmatter.org/single-mothers-within-the-european-union/.

NCMEC: Testimony "Addressing Real Harm Done by Deepfakes", Marzu 2024.

Petra Persson u Maya Rossin-Slater: When Dad Can Stay Home: Fathers' Workplace Flexibility and Maternal Health, NBER Working Paper No. 25902, Mejju 2019, https://www.nber.org/papers/w25902.